## Minuti tal-erbgħa u sittin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter

L-64 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis, 12 ta' Frar, 2015.

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Iċ-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia, is-Sur Norman Clews u s-Sur Nicholas Azzopardi.

Is-Sur Joseph Agius daħal għal-laqgħa fis-6.35 ta' filgħaxija.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-63 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mill-Viċi-*Chairperson*.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti.

Fis-6.35 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Agius daħal għal-laqgħa.

Dwar iż-*zebra crossing* proposta fi Triq ix-Xgħajra, is-Sur Agius isseġġerixxa li din issir ftit 'il isfel mill-*bus stop* biex ma tkunx ta' periklu għall-pubbliku.

Item 4 – Korrispondenza

Dwar ir-*road humps* li għandhom isiru fi Triq Dun Salv Sciberras u Triq San Leonardu, iċ-*Chairman* qal li hekk kif tingħata l-approvazzjoni minn Transport Malta, dawn ir-*road humps* kienu ser isiru minnufih. Iċ-*Chairperson* qal ukoll li ser jitqassmu l-ittri lir-residenti dwar il-proposta biex isir tibdil fis-sistema tat-traffiku fi Triq iż-Żagħrun u Triq is-Sebellika.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kumitat approva unanimament ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart għall-perjodu Ottubru – Diċembru 2015.

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kumitat abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena 2015. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Agius.

Dwar il-Laqgħa Annwali Pubblika l-Kumitat qabel fuq proposta taċ-*Chairperson* li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia, li din il-laqgħa għall-pubbliku ssir il-Ħamis 5 ta' Marzu, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.

• Programm ta' Xogħol

Is-Sur Joseph Agius ippropona li tiġi rranġata r-*roundabout* ta' Triq San Leonardu billi jiġi rranġat il-ġebel maqlugħ, tingħata tibjida biex din tkun aktar viżibbli għas-sewwieqa u ssir manutenzjoni fis-*soft areas*. Is-Sur Azzopardi ssekonda lis-Sur Agius u l-Kumitat qabel unanimament li jsir dan ix-xogħol.

Is-Sur Azzopardi qal li kien tkellem ma' residenti li esprimew ix-xewqa li tiġi rranġata l-bankina fi Triq San Leonardu fuq in-naħa tad-djar aktar milli n-naħa tal-ħajt u dan sabiex ma jitnaqqasx l-ispazju għall-ipparkjar ta' vetturi.

Is-Sur Farrugia talab li tinkiteb ittra lill-uffiċjali ta' Smart City Malta biex jittella' ċint madwar l-art mitluqa li hemm fi Triq San Leonardu u b'hekk jitnaqqas ir-rimi ta' materjal u abbużi oħra f'dan is-sit. Is-Sur Clews issuġġerixxa li għandu jsir ħajt ta' seba' filati filwaqt li s-Sur Azzopardi ssuġġerixxa li l-ittra tal-Kumitat tiġi ndirizzata lill-Kap Eżekuttiv ta' Smart City f'Malta is-Sur Anthony P Tabone.

Is-Sur Farrugia tkellem dwar ilment li qiegħed isir mir-residenti dwar *pipe* tal-ilma li sar fi Triq San Leonardu mal-ħajt taċ-ċimiterju. Iċ-*Chairperson* qal li dan l-ilment kien tressaq lill-pulizija.

Is-Sur Clews talab li ssir spezzjoni tal-bankina li saret riċentament fi Triq San Leonardu peress illi parti mill-kurduna kienet qiegħda tiċċaqlaq.

Is-Sur Farrugia talab li fl-iqsar żmien jitneħħa ġebel li hemm imwaqqa' quddiem l-ispiżerija u tinżabar siġra li hemm fil-post.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Agius talab li tiġi rranġata bozza fi Triq San Leonardu li qiegħda tixgħel u titfi.

Is-Sur Clews talab li mil-aktar fis isir ftit manutenzjoni ta' parti mill-bankina ta' Triq San Leonardu peress illi qiegħda mkissra u ta' periklu għall-pubbliku.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-65 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar it-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2015.

Luciano Farrugia
Viċi-*Chairperson*